**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**Spettur Jonathan Ransley**

**vs**

**Darren Vassallo**

**Distrett Sliema**

**Illum l-Erbgha 17 ta' Lulju, 2019**

Il-Qorti;

Rat li Darren Vassallo detentur tal-karta tal-identita' numru 0383371(M)

Akkuzat talli nhar is-27 ta' Lulju, 2018 bejn id-21:00 hrs u l-22:45 hrs kif ukoll granet u hinijiet ohra qabel dawn id-dati msemmija gewwa Pearl Beach Club li jinsab gewwa Triq Qui-Si-Sana, Sliema;

1. Fl-imsemmi post haddem jew gieghel jew ippermetta li jithaddem loud speaker jew gramafon jew amplifikatur jew aparat iehor simili, jew gieghel jew ippermetta li jsiru hsejjer daqshekk qawwija li dejqu lil girien li joqghodu f'bini fil-qrib.

2. Bhala persuna li gestixxa attivita' kummercjali bil-permess/bla permess, liema attivita' qieghda f'zona urbana u ggenerat storbju li setgha jinstema' minn barra dan il-post u li setgha jikkawza sikkatura jew disturb lil girien u dan b'daqq ta' muzika minn 'live band' jew muzika amplifikata jew b'mezzi ohra bejn il-23:00 hrs u d-09:00 hrs.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' current incident report datat 28 ta' Lulju, 2018, affidavit ta' WPS 215 Valerie Mifsud, email immarkat bhala Dok KV1, submission form immarkat bhala Dok KV2, email immarkat bhala Dok KV3, ritratt immarkat bhala Dok KV4, dokument immarkat bhala Dok MV1, pendrive immarkat bhala Dok SC1, zewg dokumenti mmarkati bhala Dok MC1 u Dok MC2, rapport immarkat bhala Dok JF1.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

WPS 215 Valerie Mifsud tghid li rceviet kwerela minghand Simon Camilleri fejn qal li huwa residenti Qui-Si-Sana tas-Sliema u li kien qed jigi disturbat minn muzika b'volum qawwi hafna minn Pearl Beach Club. Simon Camilleri kien kellem lill-orderly WPC 167 diversi dati izda s-surgent 215 darba biss marret fuq il-post. Tispjega illi fis-27 ta' Mejju, 2018 hi kienet off u ghalhekk ma setghetx tmur. Fit-12 ta' Gunju, 2018 hija kienet bil-leave, fis-26 ta' Gunju, 2018 hija kienet second watch u sakemm kienet ghadha l-Ghassa, ma kienu dahlu l-ebda rapporti, fl-10 ta' Lulju, 2018 hija kienet off, fis-27 ta' Lulju, 2018 hija kienet xoghol ta' bil-lejl u kien dakinhar li dahal il-complaint. Izzid tghid li dak inhar, persuna ta' sess maskili kien cempel diversi drabi jirraporta illi bejn il-hinijiet tad-21:00 hrs u 22:30 hrs, il-Beach Club MedAsia, Pearl Beach u 1926 Beach Club kienu qed idoqqu muzika gholja hafna. L-orderly WPC 167 spjegajtlu li wara l-23:00 hrs mhux suppost jinstema' muzika gholja minn barra u li kif tlesti minn xi rapporti ohra, kienet se tinzel fuq il-post ticcekkja. Ghalhekk ghal habta ta 22:45 hrs is-surgent 215 marret u ccekkjat it-tlett beach clubs fejn irrizultalha li mit-triq ma kien qed jinstema' xejn, u kella bzonn tidhol fid-dahla taghhom biex tisma' l-muzika. Hija

dahlet u kelmet lil Manager ta' Pearl Beach Club, Darren Vassallo fejn dan infurmaha li kien hemm private birthday party u kull ma kien hemm huwa soft background music, u mhux xi muzika amplifikata. Fil-fatt, is-surgent tikkonferma li ma kien hemm l-ebda muzika amplifikata.

**Kevin Vassallo**, jghid li joqghod go blokka fis-sitt sular, li hija inqas minn mija u hamsin metru boghod mill-Pearl Beach. Fil-fatt huwa jghix ezatt faccata dan l-istabbiliment. Jispjega li lil Darren Vassallo jafu minn zmien zoghzitu, u rigward dan il-kaz, gieli mar ikellmu bil-kelma t-tajba sabiex ibaxxi l-volum tal-muzika, izda biex ma jitlifx il-business, Darren Vassallo rrifjuta li jbaxxi l-volum tal-muzika. Jghid li bhala muzika, Darren Vassallo jibda jdoqq ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar, liema muzika tkun b'volum baxx, izda kif jaqbzu l-hamsa ta' wara nofsinhar, jgholli l-volum u gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn iwaqqaf il-muzika mal-hdax ta' bil-lejl u gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn kompla jdoqq anke wara l-hdax ta' bil-lejl. Bhala dati, isemmi 27, 28 u 29 ta' Mejju kif ukoll 9 ta' Gunju, kollha tas-sena 2018. Jghid li fis-27 ta' Lulju, 2018 kien hemm anke crane qed inizzel u jtella affarijiet mill-istabbiliment fl-erbgha ta' filghodu.

**Margaret Vassallo**, tghid li hija toqghod faccata l-Pearl Beach, Quisisana. Tispjega li lil Darren Vassallo li huwa l-manager tal-Pearl Beach qatt ma kelmitu izda kien kelmu r-ragel taghha. Tghid li fis-27 ta' Mejju, 2018 kellha ccempel l-Ghassa sabiex tirraporta muzika b'volum gholi, u kelmet lil certu PC 1394. Biex taccerta ruhha li l-muzika kienet gejja mill-Pearl Beach, nizlet mir-residenza taghha u marret ezatt hdejn l-istabbiliment. Tispjega li hija nvestiet miljuni fil-proprjeta' taghha li huwa Seafront apposta biex tkun tista' tiftah il-gallarija u tgawdi l-veduta u l-istess gallarija, izda minhabba l-muzika gholja li jkollu l-Pearl Beach, ma tkunx tista' tiftah il-gallarija u anke jekk tghalaq il-gallarija, ma tkunx tista' tisma t-televizjoni. Ghamlet rapporti anke fid-dati tas-26 ta' Mejju u 8 ta' Gunju, 2018. Tghid li fit-12 ta' Gunju, 2018 cemplet l-ghassa hames darbiet f'hinijiet differenti sas-siegha u kwart ta' filghodu, meta hi kienet ghadha kemm harget minn operazzjoni serja u kellha bzonn tistrieh. Ghamlet rapport iehor fil-21 ta' Gunju, 2018 izda fil-hdax ta' bil-lejl, l-istabbiliment Pearl Beach waqaf idoqq il-muzika. Margaret Vassallo ghamlet rapport iehor fis-27 ta' Lulju, 2018, izda Darren Vassallo ma tax kaz, tant li l-ghada 28 ta' Lulju, 2018 rega' beda jdoqq il-muzika f'nofsinhar.

Tispjega li matul is-sajf tal-2018 hija cemplet lill-pulizija tmienja u hamsin darba. Xi hbieb taghha, tant thassruha, li sahansitra offrewlha flat f'San Pawl il-Bahar.

**Simon Camilleri**, jghix kantuniera max-xatt Quisisana, preciz faccata fejn tghix Margaret Vassallo u l-istabbiliment Pearl Beach jigi faccata tieghu, xi mija u hamsin metru boghod. Jghid li ghamel diversi rapporti mal-Pulizija fosthom 25 ta' Mejju, 26 ta' Mejju, 27 ta' Mejju u 8 ta' Gunju, 2018, apparti 12 u 13 ta' Gunju, 2018 u 27 ta' Lulju, 2018. Jispjega li fis-27 ta' Mejju, 2018 ma setax jisma' t-television u ma setax joqghod fil-kmamar ta' quddiem stante li mat-tlieta ta' wara nofsinhar, beda jisma' u jhoss il-vibrazzjonijiet tal-muzika mill-istabbiliment tal-Pearl Beach gewwa dahru. Jikkonferma li l-muzika giet mill-Pearl Beach ghaliex nizel mir-residenza tieghu u ma jittawwal sabiex jaccerta ruhu. Fis-27 ta' Lulju, 2018 rega' cempel lill-pulizija ghaliex ghal habta tas-sitta ta' wara nofsinhar, il-Pearl Beach kienet qed idoqq muzika gholja hafna u Simon Camilleri jikkonferma li l-muzika baqghet ghaddejja sa wara l-hdax ta' bil-lejl. Fil-fatt, wara l-hdax ta' bil-lejl, Simon Camilleri rega' cempel lil pulizija.

**Andrew Simon Taylor,** jispjega li huwa jghix xi mitt metru boghod mill-istabbiliment Pearl Beach. Jispjega li ghandu diversi rapporti ghar-rigward Medasia izda kien hemm okkazzjoni fis-27 ta' Mejju, 2018 li nizel fejn shabu l-girien u sema' muzika gholja gejja minn dan l-istabbiliment. Mill-appartament tieghu jista' jisma' biss muzika gejja mill-MedAsia.

**Dr. Michael Camilleri**, jghid li l-l-licencee tal-Pearl Beach huwa Michael Zammit Tabone u pprezenta applikazzjoni approvata ghar-restaurant. L-operatur tal-istabbiliment huwa Timothy Grech ghan-nom ta' Charles Grech. Ghar-rigward il-Pearl Beach Bar, l-applikazzjoni ghadha pendenti. Jikkonferma li Darren Vassallo kienet assocjat ma Tigne Beach Bar mis-sena 2018. Tigne Beach Bar li huwa faccata Tigne Court Houtel Qui Si Sana ghandu l-istess licencee u cioe' Michael Zammit Tabona pero' Darren Vassallo qieghed imnizzel bhala substitute u ilu hekk mis-26 ta' Gunju, 2017.

John Fenech, li huwa c-*Chairperson* tan-*Noise Environment Society Malta* jghid li f'Gunju tal-2018 kien gie mqabbad mir-residenti li joqghodu f'appartament f'Qui-Si-Sana minnhabba problemi ta' storbju li kien gej minn *catering establishments* faccata

taghhom. Nhar is-27 ta' Lulju 2018, huma ghamlu t-testijiet necessarji u sabu li d-differenza bejn il-*background noise* u l-*ambient noise* kien ta' 14.5DB. Fenech kompla jispjega li jekk id-differenza tkun ta' aktar minn 10DB, skont il-linji gwida tad-WHO, hemm kaz ta' complaint, li allura f'dan il-kaz il-*complaint* huwa zgur gustifikat. Huwa kkonferma li fuq dan il-kaz hejja rapport u ghaddieh lir-residenti. Meta mistoqsi huwa kkonferma li l-kejl ittiehed min-naha tal-faccata ta' barra tal-post tar-residenti u li s-sors li tkejjel dakinhar kien gej minn Pearl Restaurant u Asian View Medasia.

**Ikkunsidrat:**

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza hawnhekk si tratta ta' kawza kriminali fejn il-prova kontra l-imputat ghandha tingieb min-naha tal-prosekuzzjoni, minghajr dubju dettat mir-raguni. F'din il-kawza saret il-prova li Darren Vassallo l-imputat huwa *registered substitute* ta' Tigne Beach Bar u mhux tal-fond Pearl Beach Restaurant. Id-difiza fit-trattazzjoni taghha qajmet id-dubju li Tigne Beach Bar mhux l-istess bhal Pearl Beach Restaurant u ghal dak li jirrigwarda dan, id-difiza ghandha ragun. Lanqas ma ngiebet prova min-naha tal-Pulizija jekk Pearl Beach Restaurant huwiex l-istess fond ta' Tigne Beach Bar.

Jidher li l-applikazzjoni ta' Pearl Beach Restaurant ghadha wahda pendenti u l-operatur taghha jirrizulta li huwa certu Timothy Grech, lanqas ma huwa l-imputat. Madanakollu l-Qorti ma tistax tifhem kif min-naha tal-Pulizija Ezekuttiva dawn ma jaghmlux l-investigazzjoni taghhom meta jkun hemm ilment bhal dawk tal-kwerelanti f'dan il-kaz, kif suppost! Din hija kawza li titmexxa *ex officio* u mhux fuq il-kwerela tal-kwerelant, ghalhekk il-Qorti tippretendi li jekk ghandha ssir investigazzjoni din issir b'mod komplut qabel ma jitressaq kaz il-Qorti.

Il-Qorti ma tistax tifhem kif il-Pulizija Ezekuttiva ma tivverifikax id-dettalji kollha tal-persuni koncernati u l-bars li dwarhom qed isir l-ilment ma' l-Awtorita' koncernata. Din l-informazzjoni ghandha tkun ghad-dispozizzjoni tal-Pulizija meta jaghmlu l-investigazzjonijiet taghhom a skans li l-kawza fil-Qorti tispicca *treasure hunt* u jispiccaw jitharrku nies li jew m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kaz jew tigi ikkwotata

imputazzjoni ta' fond li ma jgorrx l-isem korrett u dan dejjem ai termini ta' l-Artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni akkuza, kull permess ta' l-MTA jaqa' taht il-kundizzjonijiet tal-kummerc u cioe' ta' l-Att Dwar il-Licenzji tal-Kummerc u r-regolamenti li johorgu taht l-istess Att u allura ghar-Regolament 9 tat-Tieni Skeda tal-LS441.07 li jghid is-segwenti, *"Ebda attivita' kummercjali li tkun tinsab f'zoma urbana ma tista' tiggenera xi hoss li jista' jinstema' minn barra l-post li jdejjaq u jikkawza storbju ghall-girien bid-daqq ta' muzika minn baned live jew muzika amplifikata jew mezzi ohra bejn il-hinijiet tal-11:00pm u d-9:00am tal-ghada filghodu u bejn is-1:00pm u l-4:00pm".* Madanakollu lanqas din l-akkuza ma tista' tregi u dan peress li c-citazzjoni hija limitata ghall-hin ta' bejn id-21:00hrs u 22:45hrs, hin li fihom skond dan l-artikolu jista' jsir daqq ta' muzika amplifikata minn barra l-post.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah minn kull htija u piena.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**